**Tribunal Industrijali**

**Decizjoni Nru: 2939**

**Kaz Nru: 3940/ET**

**Fil-Kwistjoni tax Xoghol**

**Bejn**

**Christopher Bonello ( ID 152170)**

**U**

**OZO Services Limited (C 94420)**

**Dwar: Tkeccija mill- impjieg allegata li hi ngusta**

**Chairman: Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip. Mgt.**

Illum: 28 ta' Settembru, 2023

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal -kaz**

Dan il-kaz gie intavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr. Alexander Schembri fl-1 ta' Frar 2021 f'isem ir-rikorrent.

Ir-rikorrent kien gie impjegat mill-kumpanija J.F. Security & Consultancy Services Ltd bhala Administration Clerk fit-2 ta Gunju 2010 fuq bazi full-time u b'mod indefinit.

Fl-1 ta Jannar 2012 dan l-impjieg gie trasferit fuq il-kumpanija J.F. Services Ltd fejn l-impjieg gie desktitt bhala Maintanance Coordinator.

Fl-1 ta Jannar 2020 dan l-impjieg rega gie trasferit ghas socjeta intimata Ozo Services Ltd bit-titlu ta' l-impjieg jibqa ta' Maintanance Coordinator.

Il-kumpaniji msemmija kienu jistazzjonaw in-nies taghhom ma' terzi naturalment bi qlieh.

Fil-kaz tar-rikorrent il-kundizzjonijiet dejjem baqghu l-istess mit-2010 u dejjem kien stazzjonat gewwa l-facilitajiet tal-kumpanija Wasteserv Malta Ltd bhala Maintenence Coordinator/Supervisor u ghal hdax (11)-il sena xogholu dejjem baqa l-istess.

Illi r-rikorrent ircieva ittra mis-socjeta' intimata datata 16 ta Ottubru 2020 u gie infurmat li ' as you have been advised by our site coordinator, Wasteserv has removed you from your job role'.

Ir-rikorrent qatt ma kellu relazzjoni kuntrattwali ta imjpjieg mal-Wasteserv izda kien impjegat tal-kuntattur, bl-ahhar wiehed tkun is-socjeta' intimata.

Fl-istess ittra imsemmija gie ukoll nfurmat li kien se jinghata xoghol ta' Night Cleaner billi jahsel il-karozzi tal-linja ic-Cirkewwa bejn id-disa' ta' filghaxija (21:00) u l-erba' ta' filghodu (04:00) u dan wara 11 il-sena xoghol bil-gurnata bhala Maintenance Coordinator/ Supervisor.

F'ittra datata 31 t' Ottubru 2020 ir-rikorrent informa s-socjeta' intimata li kien qed 'jichad' l-offerta taghha u li t-tali offerta kienet illegali u abbuziva u li effetivament tikkwalifika bhala tkeccija f'forma ta' constructive dismissal.

Illi minkejja il-partijiet dahlu fi trattattivi biex tinstab soluzzjoni, is-socjeta' intimata baghtet ittra ohra datata 11 ta Jannar 2021 fejn infurmat lir-rikorrent illi ' disciplinary proceedings shall resume' fil-konfront tieghu.

Fil-15 ta Jannar 2021 ir-rikorrent informal is-socjeta' intimata b'ittra li ma kellux alternattiva hlief li jirrezenja mill-impjieg u jqis l-agir tas-socjeta' intimata bhala wiehed ta' tkeccija f'forma ta constructive dismissal.

Ir-rikorrent ghandu d-dettalji kollha x'jispjega ghaliex il-kumpanija Wasteserv u s-socjeta' intimata ma rieduhx jibqa jghamel ix-xoghol ta' maintenance Coordinator gol-Wasteserv u x-xogholijiet li kienu jqabbduh jaghmel u dwar x'kien jirrifjuta u ghalfejn u dak kollu li ghandu x'jaqsam ma mpjiegi u nies stazzjonati fl-istess facilita.

Illi r-rikorrent kien ilu mhedded mis-superjuri tiehu u l-impjegati gewwa l-Wasteserv minn qabel l-ittra tas-16 t' Ottubru 2020 u li tnehha sempliciment ghaliex huwa kien jirrifjuta li jsegwi certu struzzjonijiet abbuzivi li kien jinghata mis-superjuri tieghu stess.

Ghaldaqstant, finalment, fir-rikors, ir-rikorrent talab li t-Tribunal jiddikjara kaz ta tkeccija f'forma ta constructive dismissal , li jisthoqqqlu kumpens xieraq u li jordna li s-socjeta intimata tipprezenta d-dikjarazzjoni dwar it-tmien tal-impjieg lil Jobsplus.

Minn naha taghha, s-socjeta ntimata , permezzta l-Avukati Dr. Marlon Borg u Dr. Joanna Mifsud iddikjarat kif gej b'risposta fil - 11 ta' Marzu 2021.

Illi t-Tribunal m'ghandux il-kompetenza li jordna l-prezentazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar it-tmien ta l-impjieg tar-rikorrent lil-Jobsplus.

Illi dak li ddikjara ir-rikorrent fir-rikors huwa qarrieqi u intiz biss biex jizgwida.

Is-socjeta ntimata kompliet billi taghat kwadru tas-sitwazzjoni kif gej.

Illi r-rikorrent gie trasferit mas-socjeta ntimata fl-1 ta Jannar 2020 fi transfer of business minn ma J.F. Services Ltd bl-istess kundizzjnijiet u li bhala stazzjonament baqa fil-facilitajiet tal-Wasteserv.

Il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tar-rikorrent u tal-haddiema l-ohra trasfeiti huma regolati minn ftehim kollettiv bejn il-Wasteserv Malta Ltd u l-Unjoni Haddiema Maghqudin (UHM) datat 4 t' April 2019.

Is-socjeta' intimata hija marbuta ukoll permezz ta kuntratt mal-Wasteserve datat 1 April 2020 li jirregola l-mod kif l-impjegati jigu stazzjonati u l-irwol taghhom gewwa l-Wasteserv.

Dan il-kuntratt jipprovdi illi meta impjegat ma jwettaqx xogholu skont l-obbigi tieghu, il-Wasteserv ikollha dritt li titlob lis-socjeta ntimata li tnehhieh u li jigi sostitwit.

Illi s-socjeta ntimata waslulha diversi lmenti fil-konfront tar-rikorrent fosthom assenteizmu bla razan mhux awtorizzat minn fuq il-post tax-xoghol fejn ukoll gie irrapurtat li r-rikorrent kien qed jippancja ghax-xoghol izda ma jkunx fizikament prezenti fuq il-post tax-xoghol. Hareg ukoll li waqt li r-rikorrent kien qed jiskarta kien imur jaghmel xoghol iehor u jithallas minn terzi. F'dan ir-rigward intbaghtet ittra t'akkuza lir-rikorrent datata 14 t'April 2020.

Illi skont il-ftehim kollettiv gew istitwiti proceduri dixxiplinarji u bdew isiru arrangamenti biex jinbeda il-process u s-smieh tal-proceduri.

Gara li zviluppat kwistjoni ta' rikonoxximent ta' Trade Union sabiex jigi compost Bord ta Dixxiplina. Il-UHM kienet rikonnuxta fil-Wasteserv u l-GWU kienet rikonoxxuta fis-socjeta' intimata u bdiet komunikazzjoni mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg.

Fil-frattemp ir-rikorrent gie sospiz u l-Wasteserv talbet sostitut skont il-kuntratt mas-socjeta ntimata msemmi qabel, fuq ir-raguni li r-rikorrent ma kienx qed iwettaq xogholu kif suppost.

Illi minhabba s-sitwazzjoni li nholqot u l-fatt lis-socjeta' intimata ma kellha l-ebda obbligu li taghmel dan u minghajr ebda ammissjoni ta' xi htija jew tort imma purament in buona fede offriet xoghol alternattiv lir-rikorrent ma' kumpanija ohra.

Ir-rikorent irrifjuta din l-offerta u informa lis-socjeta ntimata li lest li jirrezenja basta jinghata kumpens ghax inkella jmur ghal procedure legali.

Fil-frattemp kienu se jipprocedu il-proceduri dixxiplinarji skont il-ftehim kollettiv izda kif ir-rikorrent gie infurmat b'dan informa lis-socjeta' intimata li kien qed jirrezenja b'effett immedjat.

Illi johrog car li r-rikorrent mar ghal procedura legali sabiex jabbuza mill-ghodda li tipprovdi l-Ligi a skapitu tas-socjeta' intimata li ma ghamlet xej hlief li rrispettat l-obbligi kollha imposta fuqha bil-ligi tat-trasferiment tan-negozji, il-ftehim kollettiv u l-kuntratt imsemmi.

Fid-dikjarazzjoni taghha is-socjeta intimata talbet lil Wasteserv biex tigi msejjha sabiex twiegeb ghat-talbiet tar-rikorrent.

Is-socjeta' intimata temmet id-dikjarazzjoni billi cahdet bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet tar-rikorrent illi gie sfurzat jirrezenja u li kien hu li minn jeddu ghazel li jirrezenja. Ukoll illi jekk it-Tribunal jiggudika favur ir-rikorrent dan jippregudika serjament il-jeddijiet u ddrittijiet tas-socjeta ntimata u johloq precedent b'riperkussjonijiet ta' natura kostituzzjonali u jaghti barka ghal abbuz lampanti minn impjegati u haddiema bhar-rikorrent u li ghaldaqstant it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent.

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehdu x-xhieda migjuba miz-zewg partijiet kif ukoll gew esebiti xi dokumenti.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk ir-rizenja tar-rikorrent kinitx wahda sfurzata minhabba allegazzjonijiet f'forma ta constructive dismissal.

It-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda kollha, d-dokumenti pprezentati, d-dikjarazzjonijiet tal-kaz u s-sottomissjonijiet u t-tratazzjonijiet finali.

Il-Ligi Maltija ma taghtix definizzjoni ta' constructive dismissal u mhiex formalment rikonoxxuta. Il-Qrati u t-Tribunal f'Malta dejjem ibbazaw fuq il-Ligi Ingliza li zviluppat kuncett ta' implied term of trust and confidence, b'referenza ghal kuntratt tax-xoghol u li l-employer m'ghandux ikisser jew jikkawza hsara fir-relazzjoni ta' trust and confidence mal-impjegat.

Illi jigu kkunsidrati tlett ekementi illi jirrigwardjaw : (a) kienx hemm ksur mill-principal tal-kuntratt ta l-impjieg; (b) li l-ksur kien ta natura serja li tiggistifika rizenja minhabba dan l-agir; u (c) li l-impjegat ma accettax il-ksur fis-sens li l-impjegat ma rrezenjax mix-xoghol  hafna zmien wara li sehh l-agir.

Dan it-Tribunal ghaldaqstant ha jiehu in kunsiderazzjoni dawn l-elementi jew parti minnhom, fost kunsiderazzjonijiet ohra, biex jasal ghad decizjoni.

Ir-rikorrent kien ilu jahdem mal-kunratturi hdax (11) il-sena izda beda mas-socjeta' intimata fl-1 ta Jannar 2020 wara transfer of business bil-kunratt ta l-impjieg tieghu jibqa dejjem l-istess. Dan kien datat 2 t'Awwissu 2010, full time, indefinite, fuq erbghin siegha (40) xoghol u mahrug minn J F Security & Consultancy Services Ltd b'titlu ta Admin Clerk bi stazzjonament gol-Wasteserv.

Matul iz-zmien jidher li x-xoghol tar-rikorrent inbidel ghal Coordinator/Supervisor dejjem gol Wasteserve. Dan kellu grupp ta nies tahtu u kienu jaghmlu diversi xogholijiet kemm gol Wasteserv u kemm barra skont l-istruzzjonijiet li kien jiecievi r-rikorrent mis-superjuri tieghu gol Wasteserv. Ix-Xoghol kien l-iktar ta tindif u simili.

Fix-Xhieda r-rikorrent qal li kien ikun taht stress fuq ix- xoghol ghax kien jinghata struzzjonijiet abbuzivi bhal iqabbad in-nies ta' tahtu xogholijiet li ma kienux kwalifikati ghalihom. In-nies ta' tahtu ukoll kellhom certu prepotenza kif jagixxu u skont ir-rikorrent gieli gie mhedded. Dawn is-sitwazzjonijiet qalhom ukoll is-Sur Jason Coleiro waqt ix-xhieda li kien is-superjur immedjat tar-rikorrent. Saru anke allegazzjonijiet li xi nies kienu suppost ikunu xoghol imma fil-fatt ma jkunux u meta saru rapporti ma sar xejn.

Gara li bejn is-26 ta Marzu 2019 u 22 ta April 2020 Il-Wastesev hargu tlett ittri ta akkuza fil-konfront tar-rikorrent .

Fl-ewwel ittra li nharget fis-26 ta' Marzu 2019 kienet tirreferi ghal assenteizmu u insubordinazzjoni izda s-socjeta' intimata kienet ghadha mhux responsabbli mir-rikorrent. Kienu JF Services u fil-process ma harigtx li ttiehu xi azzjonijiet.

It-tieni ittra ta' akkuza kienet datata 14 ta April 2020. Il-kontenut ta l-ittra kien jirrigwardja disa (9) t'ijiem fejn ir-rikorrent jew dahal tard jew ippancja skont il-hin izda ma kienx fuq il-post tax-xoghol u ghaldaqstant gie akkuzat li telaq jew ma kienx fuq il-post tax-xoghol minghajr ebda awtorizzazzjoni. Dan gara fil-perjodu bejnit-23 ta' Marzu u 7 t' April 2020. Ir-rikorrent wiegeb ghal din l-ittra fit-18 ta April 2020 fej cahad kollox u li se jkun qed johrog bis-sick leave.

Wara din l-ittra ta l-14 ta' April 2020 ir-rikorrent gie sospiz u mnehhi mill-Wasteserv bis-socjeta ntimata bdiet tipprepara ghal process ta' dixxiplina.  Gara li l-process kellu jigi pospost ghax kien hemm kwistjoni ta 'Union recognition' ghax fil-Wasteseve kien rikonoxxuta l-UHM u fl-OZO Services il-GWU. Il-kaz gie referut lid-DIER. Eventwalment il-kaz kien se jitkompla kif gej iktar il-quddiem.

Oltre minn dan sar rapport mis-Sur Alan Gatt li kien 'operative'  li kien jirrigwardja li r-rikorrent, li kien jigi s-supervisor tieghu. Illi waqt il-hin tax-xoghol ir-rikorrent kien jordna lilu u lill shabu fil-Cleaners & Landscaping Team biex jaghmlu xoghol ta tindif f'numru ta Kunsilli Lokali fej hu (ir-rikorrent)  kien jiehu tenders personali ta tindif. Il-Bord kien indipendi imexxi minn Chairman, Avukat u membru u tlesta fit-3 ta April 2020. Ir-rikorrent kien partecipi fil-bord u xhed flimkien ma numru ta persuni ohra.

Sussegwentament inharget it-tielet ittra ta' akkuza fil-konfront tar-rikorrent datata 22 t' April 2020 li wara l-Bord ta' Stharrig. Bazikament l-ittra kienet tirreferi lejn il-konkluzjonijiet tal-Bord illi 'jezistu indizji cari li permezz taghhom inti (ir-rikorrent) tista tigi mixli b'nuqqasijiet serji fit-twettieq tad-doveri tieghek'. L-akkuzi kienu li lejn l-ahhar ta-2019 ir-rikorrent uza rizorsi tal-Wasteserv waqt il-hin tax-xoghol biex jaghmel xoghol ta tindif li mhux relatat mal-Wasteserv. Ir-rikorrent gie akkuzat b'uzu hazin ta propjeta tal- u li uza l-hin tax-xoghol tieghu u ta haddiema li kien responsabbli taghhom ghal fini ta attivitajiet kummercjali li m'ghandomx x'jaqsmu xejn mal-Wasteserv.

Ir-rikorrent wiegeb ghal dan b'ittra data 4 ta Mejju 2020 permezz ta l-Avukat tieghu fej cahad kollox u kif ma kellux il-fakulta li jkun rapprezentat u anka li ma nghatax kopja.

Naturalment dawn l-allegazzjonijiet inaghaqdu ma' l-allegazzjonijiet l-ohra dixxiplinarji pendenti.

Fil-frattemp gara ukoll li r-rikorrent marad u kif xhedet is-Sinjura Marvic Mifsud Taylor ( HR Ozo Services) mis-27 t' April 2020 sa 27 ta' Lulju 2020 u kif indika l-istees rikorrent fl-ittra tieghu tat-18 ta April 2020.

Is-socjeta ntimata baqghet thallas lir-rikorrrent sa l-ahhar ta Awissu 2020 li sadanittant kien avza lis-socjeta' intimata' li kien lest li jidhol lura ghax xoghol.

Gara li permezz ta' ittra datata 16 t' Ottubru 2020 gie nfurmat mis-socjeta' intimata li il-Wasteserv kienu nehhewh mir-rwol tieghu u ma rieduhx iktar is-servizzi tieghu. Is-socjeta' intimata offrietlu l-pozizzjoni ta' Night Cleaner tal-buses fic-Cirkewwa bejn 21:00 u 04:00 b'deploymet ma Transport Malta.

F'itta datata 30 t' Ottubru 2020 ir-rikorrent qal li dan kaz ta constructive dismissal u ma kellux alternattiva hlief isib xoghol iehor. Ukoll talab kumpens rigward pagi arretrati, sick leave u kumpens li jirrigwardja constructive dismissal.

Wara dan saret laqgha bejn l-Avukati tas-socjeta' intimata u r-rikorrent u l-avukati tieghu fil-15 ta' Dicembru 2020 biex forsi jintalahaq xi forma ta kompromess u li fiha is-socjeta ntimata jidher li qalet li se tikkonsidra taghmel xi proposti.

Fil-11 ta' Jannar 2021 is-socjeta' intimata nfumat lir-rikorrent li se jkomplu l-proceduri ta dixxiplina pendenti.

Ir-rikorrent wiegeb b'itrra datata 15 ta Jannar 2021 li kien qed jirrezenja b'effett immedjat ghal mod abbuziv li s-socjeta' intimata mxiet bieh fil-konfront tieghu.

Fit-trattazzjonijiet finali r-rikorrent tenna l-abbuzi fuqu waqt xoghlu li s-socjeta' kellha tosserva l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg u n-nuqqas ta' provi. Tenna wkoll li s-socjeta ntimata kellha postijiet tax-xoghol ohra fej setghet baghtitu bhal hotels, banek, ristoranti, etc.

Minn naha taghha s-socjeta ntimata kellha r-rwol li tiddefendi l-pozizzjoni taghha. Illi OZO Services Ltd kellha biss hadddiema mal-Wasteserv. Illi sabet rebus meta hadet ix-xoghol f'idejha u bdiet torganizza certu kontrolli b'mod professjonali u bdew jinkixfu l-affarijiet filwaqt li kellha l-kazijiet dixxiplinarji sejri pendent rigward ir-rikorrent.

**Decizjoni**

It-Tribunal analizza u wizen ix-xhieda, il-fatti u l-provi flimkien mad dokumentazzjoni kollha tal-kaz, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet prezentati, is-sottomissjonijiet u trattazzjonijiet finali dejjem fil-kuntest ta l-allegata constructive dismissal.

It-Tribunal, fil-kuntest tas-sitwazzjonijiet li nholqu f'dan il-kaz , jaghti mportanza lil process u l- kazi dixxiplinarji pendenti serji li kellu r-rikorrent u r-rizenja tieghu hekk kif gie infurmat li l-process dixxiplinarju se jitkompla.

It-Tribunal jagharaf li s-sitwazzjoni fil- Wasteserv ma kinitx ward u zghar. Gie nnotat li s-socjeta' ntimata bdiet tezrcita certu kontrolli inkluz hinijiet, etc. Jidher li r-rikorrent iffaccja problemi u stress izda ukoll kien hemm allegazzjonijiet serji kontieh li wasslu biex il-Wasteserv ma riditux iktar maghha u ovvjamanet is-socjeta ntimata b'dover ghaliha kellha , bhala impjegat taghha , tipprocedi bi process dixxiplinarju. Dan il-process dixxiplinarju ma sarx ezatt wara li tfaccaw il-kazijiet allegati minhabba kwistjoni trejunionistika izda t-Tribunal jagharaf li kien sta ghas socjeta ntimata li tipprocessa kif fil-fatt kien finalment se jsir.

It-Tribunal jinnota ukoll li r-rikorrent hareg fuq sick leave ta' tlett (3) xhur, sick leave certifikat, imma hareg biss sick leave ezatt kif gie infurmat li kien se jkun hemm process dixxiplinarju.

Meta r-rikorrent informa li kien tajjeb ghax xoghol is-socjeta' intimata bghatitu ma' Transport Malta jahsel il-karozzi tal-linja bl-istess paga . Dan kien fi- 16 ta Ottubru 2020. Cahad l-offerta u ma marx. Talab kumpens biex jitlaq u saret laqgha bejn il-partijiet fil-15 ta Dicembru 2020 u s-socjeta indikat li ha taghmel proposta li fil-fatt kienet li se jkompli l-process dixxiplinarju u r-rikorrent irrezenja ufficjalment fil-15 ta Jannar 2021. Ir-rikorrent qal li keccewh bil-pulit f'forma ta' constructive dismissal.

Il-kuntratt tax-xoghol originali tar-rikorrent , li ma nbidilx bhala kontenut, kien datat 2 t' Awwissu 2010 bhala Admin Clerk fuq 40 siegha fil-gimgha. Kuntratt bi ftit dettal li matul iz-zmien izda ma baqax jirrifletti x-xoghol indikat fil-kuntratt originali ghaliex ix-xogholijiet tar-rikorrent imbidlu minghajr ma nbidel il-kuntratt originali. L-element tal-kuntratt f'dan il-kaz mhux wiehed determinanti. L-ewwel nett ghaliex il-kuntratt originali ma baqax relevanti ghax xoghol indikat kif spjegat u t-tieni ghax is-socjeta ntimata kellha process dixxiplinarju serju pendenti mar rikorrent u setghet qas biss offriet xoghol alternattiv sakemm jinghalaq il-process. Kien sensibli li s-socjeta intimata ma offrietx pozizzjonijiet ta' supervisor/coordinator f'xi banek jew lukandi, kif gie suggerit mir-rikorrent, meta ghandek impjegat li jrid jaddi process dixxiplinarju b'akkuzi serji. Dan jista jkun li seta jsir wara l-process dixxiplinarju fl-eventwalita li r-rikorrent kien jinstab bla htija.

Ukoll l-element fuq ir-ragunijiet li rrezenja kienu jkunu serji kieku ma kienx hemm akkuzi x'jigu pprocessati fil-konfront tar-rikorrent.

It-Tribunal jagharf ukoll l-ahhar element li r-rizenja tar-rikorrent ma kinitx wahda mmedjata u tempestiva. It-Tribunal jagharaf li din setghet saret f'Ottubru 2020 jekk ir-rikorrent irraguna li riedu jkeccuh. Izda r-rizenja saret f 'nofs Jannar 2021 kif ir-rikorrent gie nfurmat li se jitkompla l-process dixxiplinarju kif dan baqa dover tas-socjeta ntimata li tesegwixxi.

It-Tribunal allura finalment jaghraf li r-rikorrent irrezenja ghax xamm li l-process dixxiplinarju setgha jwassal ghal tkeccija u ghaldaqstant jitlef kull tama ghal xi forma ta kumpens , li kien ga talab, u li wara r-rizenja kompla permezz ta dawn il-proceduri .

Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jiddeciedi li ma kienx hemm ragunijiet tajba u bizzejjed li setgħu wasslu għal constructive dismissal.

Għal finijiet ta l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qiegħed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti tal-partijiet fl-ammont ta tlieta u disgħin euro u sbatax il-centezmu ( euro 93.17c).

B'hekk tintemm din li-kwistjoni tax-xogħol.

(iffirmat)

Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip. Mgt.

Chairman

(Vera Kopja)

Marica Psaila

Għas-segretarju